MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1110/1992/3

**Paul Zammit**
**Vs**
**Charles Fenech u martu Anna Fenech**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Illi l-attur kien ikkonceda lill-konvenuti b'titolu prekarju u ghal skop ta' abitazzjoni il-fond numru wiehed u tmenin (81), St. John Baptist Street, Sliema, u bil-kondizzjoni esplicita illi l-attur ikollu d-dritt jiehu lura l-pussess tal-fond *de quo* meta jitlobulhom lura.

Premess illi fil-fatt fil-31 ta' Jannar, 1989 l-attur kien talab lill-konvenuti sabiex johorgu mill-imsemmi fond.

Premess illi l-konvenuti irrifjutaw li jizgumbraw mill-imsemmi fond u ghalhekk l-esponent kellu jistitwixxi proceduri gudizzjarji ghal dan l-iskop quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema proceduri gew finalment decizi b'ezitu favur l-attur b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Awissu, 1991 (Dok. A).

Premess illi effettivament ic-cwievet tal-fond *de quo* gew kkonsenjati lill-attur fl-1 ta' Novembru, 1991.

Premess illi meta l-attur dahal fil-fond *de quo* sab hsara kbira kemm fil-mobbli li dwarhom gia hemm proceduri pendenti, kif ukoll hsara u nuqqas ta' manutenzjoni fl-immobbli kif jirrizulta mill-anness certifikat rilaxxjat mill-Perit Michael Refalo (Dok. B) liema hsara ma kienitx ezistenti meta l-konvenuti dahlu fil-fond *de quo*.

Premess illi mill-31 ta' Jannar, 1989 il-konvenuti kienu qed jidditjenu l-istess fond abbuzivament u illegalment u minghajr ebda titolu u dan sal-1 ta' Novembru, 1991 ghal liema perjodu l-konvenuti huma obbligati skond il-ligi jikkumpensaw lill-attur ghall-uzu li ghamlu mill-proprjeta' tieghu.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fil-fond 81, St. John Baptist Street, Sliema kif fuq spjegat.

2. Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn permezz ta' perit nominandi.

3. Tiddikjara li l-konvenuti huma tenuti jhallsu lill-attur kumpens ghall-uzu tal-fond 81, St. John Baptist Street, Sliema mill-31 ta' Jannar, 1989 sa l-1 ta' Novembru, 1991.

4. Tillikwida l-kumpens dovut imsemmi fit-tielet talba.

5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur id-danni u l-kumpens hekk likwidat permezz tat-tieni u r-raba' talba rispettivament.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 6 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 40 tal-process fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi fit-tieni lok u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni, l-istess talbiet diga' jifformaw parti ta' kawza ohra pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit. Nru. 127/90 FGC) fl-ismijiet Paul Zammit vs Charles Fenech et.. u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 792 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili.

3. Illi fil-mertu t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol 45 li bih il-konvenuti rtiraw t-tieni eccezzjoni taghhom.

Rat id-decizjoni a fol 50 fejn il-Qorti kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni;

Rat id-digriet a fol 49 li bih gie nominat il-Perit Jaccarini;

Rat id-digriet a fol 59 u 65;

Rat is-sentenza a fol 91 li biha l-Qorti kienet laqghet it tielet, raba' u hames talbiet attrici dwar il-kumpens ghall okkupazzjoni tal-fond u fejn il-konvenuti gew ikkundannti jhallsu s-somma ta' Lm990;

Rat il-verbal a fol 96 fejn Dr. Mangion ghall-attur informa lill Qorti li ma kien sar l-ebda pagament a tenur tas-sentenza imsemmija;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dwar it-tielet, raba' u hames talba ta' attur kienet inghatat sentenza (ara fol 91) fejn il-Qorti kienet ikkundannat lill-konvenuti ihallsu lill attur is-somma ta' Lm990 bl-imghax mid-data tas-sentenza bhala kumpens ghall uzu tal-fond in kwistjoni mill-31 ta' Jannar 1989 sal-1 ta' Novembru 1991. L-attur kien informa l-Qorti li hu ma kien thallas xejn mis-sentenza 'l hawn.

Fuq l-ewwel u t-tieni talba l-Qorti ma kelliex taghti decizjoni. Fil-fatt decizjoni fuq talbiet simili inghatat illum stess fil-kawza l-ohra 127/90 bejn l-istess partijiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel u tieni talba;
Spejjez ta' dina l-kawza bin-nofs, stante ripetizzjoni ta' talbiet simili fil-kawza l-ohra imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------